MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 996/2002

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Joan Calleja, mart Pierre, imwielda Pieta’ fit-23 ta’ Novembru, 1969, Karta ta’ l-Identita numru 473669(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli fis-16 ta’ Mejju, 2002 u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. approprjat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, is-somma ta’ aktar minn Lm30,000, li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat,

jew minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tagħha;
2. għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati;
3. xjentement għamlet użu mill-istess skrittura falza.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' April, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2008 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputata ammetiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha u iddikjarat li l-ammont dovut minnha lis-soċjeta' Greenlines Environmental Services Limited hu ta' erbgħa u għoxrin elf u ħames mitt euro (€24,500), kif jirrizulta mid-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 18, 293, 294, 310, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna

li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputata li fi żmien sitt xhur mil-lum trod lura is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u ħames mitt euro (€24,500) lis-soċjeta' Greenlines Environmental Services Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------